**18 ta' Ottubru, 1962.**
**Imħallef:—**
**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

Giuseppe Dalli et.
*versus*
Maria Agius et.

**Self — Mara — Komunjoni tal-Akkwisti.**

*F'kawża fejn l-attur jaġixxi kontra l-mara in unjoni ma' żewġha bħala kap tal-komunjoni tal-akkwisti biex jitħallas ta' flus li hu silef lil dik il-mara u li jippretendi li hija responsabbli għar-restituzzjoni tagħhom il-komunjoni tal-akkwisti, mhix*

*aċċettabbli l-eċċezzjoni illi, ladarba l-attur jippretendi li dak id-dejn jolqot lill-komunjoni tal-akkwisti, il-mara ma kellhiex tiġi mħarrka flimkien mar-raġel; għax meta wieħed ikollu xi pretensjoni kontra mara miżżewġa riferibbilment għal xi ħaġa li tolqot il-komunjoni tal-akkwisti, hu xieraq li hu jaġixxi wkoll kontra l-mara in unjoni ma' żewġha, flimkien mal-istess żewġha bħala kap tal-komunjoni, minħabba l-interess li għandha l-mara u l-preġudizzju li, diversament, tista' tirriżenti l-mara kif ukoll l-istess komunjoni.*

Il-Qorti:— Rat l-att ta' ċitazzjoni li bih l-attur talab illi l-konvenuti, jew min minnhom, jiġu kundannati jħallsu lilu s-somma ta' £41, bilanċ ta' somma akbar mogħtija lil imsemmija Maria Agius b'titolu ta' self in konnessjoni ma impjeg tagħha mal-attur u għal kull kawżali oħra valida fil-liġi. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tat-30 ta' Marzu 1957;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, li biha eċċ tomettew:— Illi l-konvenuta ma setgħetx tiġi konvenuta f'din il-kawża, kemm il-darba, kif qiegħed jippretendi l-attur, is-self jaqa' taħt il-komunjoni tal-akkwisti; in linea preliminari, illi din il-Qorti mhix kompetenti biex tieħu konjizzjoni tal-kawża "ratione materiae"; fil-meritu, illi l-konvenu mhux responsabbli għar-restituzzjoni tal-flus fuq imsemmija, billi dawn ġew mogħtija lill-martu "ad insaputa" u mingħajr il-kunsens tiegħu u bl-ebda mod ma ġew użati għall-bżonnijiet tad-dar;

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-partijiet;

Rat il-verbal in data 5 ta' Diċembru 1961 (fol. 15), li minnu jirriżulta li l-konvenuti rtiraw l-eċċezzjoni tal-inkompetenza tal-Qorti;

Semgħet lid-difensuri;

Tikkunsidra, dwar l-eċċezzjoni sollevata mill-konvenuti fis-sens li l-mara ma setgħetx tiġi konvenuta, ġa ladarba s-self jidħol fil-komunjoni tal-akkwisti;

Illi ġie ritenut mill-Qrati Tagħna li, kif meta mara miżżewġa li jkollha xi pretensjoni għal xi ħlas li jidħol fil-komunjoni tal-akkwisti għandha taġixxi hija wkoll bl-assistenza ta' żewġha bħala kap tal-komunjoni tal-akkwisti, għaliex għandha nteress li tkun anki hija attriċi ma' żewġha bħala leġittimu kontradittur tal-pretensjoni li hija tkun qegħdha ġġib il-quddiem, billi hija, diversament, jista' jkollha preġudizzju, u magħha anki l-komunjoni, hekk ukoll, u għall-istess raġuni, meta wieħed ikollu xi pretensjoni kontra mara miżżewġa riferibbilment għal xi ħaġa li tolqot il-komunjoni tal-akkwisti, hu xieraq li jaġixxi wkoll kontra l-mara in unjoni ma' żewġha, flimkien mal-istess żewġha bħala kap tal-komunjoni tal-akkwisti, għaliex f'dan il-każ il-mara u l-komunjoni tal-akkwisti bejnha u żewġha għandhom l-istess interess illi l-istess mara tiġi konvenuta; in unjoni naturalment ma' żewġha, u flimkien miegħu bħala leġittimu kontradittur tal-pretensjoni miġjuba l-quddiem kontra tagħha; għaliex diversament l-istess mara u l-komunjoni jistgħu jirriżentu dak l-istess preġudizzju;

**Għaldaqstant;**

Tirrespinġi l-eċċezzjoni bl-ispejjeż kontra l-konvenuti

---

**TMIEM TAT-TIELET PARTI TAL-VOLUM XLVI**